# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Kunsill Lokali Il-Munxar

Laqgħa Numru 12

It-Tnejn 14 t'April 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tnejn 14 t'April 2025 fis-6.45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur John Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

12.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier John Farrugia informa lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija

### 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

12.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 11 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

12.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

12.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

12.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, irringrazzja lill-membri tal-attendenza tagħhom għall-konferenza stampa li saret aktar kmieni fl-istess jum biex tippromwovi l-Fireworks and Gastronomy Festival li ser jiġi organizzat nhar il-Ġimgħa 25 t'April 2025 fi Triq L-Isqawi fil-Munxar.

12.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li f'April saret ukoll il-laqgħa ta' kull xahar mal-Pulizija tal-Komunita' fejn fost oħra intalbet il-koperazzjoni tagħhom fil-jiem tal-festa tar-raħal kif ukoll fix-Xlendi li issa l-perjodu tas-Sajf qed dejjem joqrob.

12.3.3 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jorganizza l-attivita' tradizzjonali ta' żmien l-Għid il-Kbir lit-tfal tal-lokalita' fil-grawnds taċ-Ċentru Parrokkjali, u, ħarġa soċjo-kulturali f'Għawdex fl-okkażjoni ta'

Kunsill Lokali Il-Munxar

Jum L-Omm nhar il-Ħamis 1 ta' Mejju 2025. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

12.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li aktar kmieni fl-istess jum saret ukoll il-laqgħa annwali tal-lokalita' fejn f'din il-laqgħa ġie diskuss ir-rapport amministrattiv u finanzjarju tas-sena 2024 u l-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena 2025.

12.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li bħala Kunsill, wara diversi ilmenti mir-residenti li joqogħdu fit-toroq il-ġodda Ta' Rinota, qed nagħmlu pressjoni mal-Gvern Ċentrali biex dawn jingħataw bit-tarmakk iżda l-Kunsill qed jibqa' mingħajr risposti.

## 12.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

12.4.1 Il-Viċi Sindku, Carmela Parnis, staqsiet dwar il-possibilta' ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin fi Triq Ras il-Bajjada fil-Munxar. Is-Sindku wieġeb li qed f'kuntatt mal-Ministeru Għal Għawdex dwar dan u mistenni li x-xogħol jibda fil-jiem li ġejjin.

12.4.2 Il-Kunsillier John Cassar staqsa dwar xi progress fuq il-proposta mressqa biex tiġi nstallata magna tar-riċiklaġġ tal-fliexken. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qed f'taħdidiet mal-kumpanija BCRS biex din tiġi nstallata fi Pjazza Anfori fix-Xlendi.

## 12.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

12.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li dwar il-proġett ta' tisbiħ fid-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, il-Kunsill qed jagħmel pressjoni mal-kuntrattur tas-sistema tad-dawl u l-irrigazzjoni biex jiġi u jkompli x-xogħol, filwaqt li mbagħad isegwi x-xogħol tat-tarmakk.
Il-Kunsill irċieva korrispondenza bl-approvazzjoni għall-estensjoni għat-tlestija tal-proġett ta' tisbieħ fi Triq Santa Dminka fil-Munxar. Din l-estensjoni ġiet approvata sal-aħħar ta' Lulju 2025 miż-żewġ sorsi li l-Kunsill ottjena l-finanzjament, jiġifieri mill-Awtorita' tal-Ippjanar u mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

12.5.2 Is-Sindku għarraf ukoll li bħalissa apparti l-proġett ta' tisbiħ fid-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, għaddejjin b'komunikazzjoni



Kunsill Lokali Il-Munxar

kontinwa mal-Perit tal-Kunsill u fl-aħħar jiem ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-bust tal-Professur Ġużè' Aquilina fil-Munxar.

## 12.6 Il-Festa ta' San Pawl Nawfragu.

12.6.1 Is-Sindku informa lill-membri li ltaqa' mal-voluntiera tal-festa tar-raħal fejn ġie mgħarraf il-programm t'attivitajiet li ser ikun hemm filwaqt li saret talba sabiex il-Kunsill jassisti bħas-snin passati.

12.6.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalma jsir kull sena, Il-Kunsill jieħu ħsieb it-tindif u l-ħasil wara kull ġurnata li jkun hemm xi attivita', jipprovdi *mobile toilets* fil-pjazza kif ukoll fi Triq Profs Ġuże Aquilina, u jipprovdi *bins on wheels* fil-Pjazza tal-Knisja. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti dwar dan.

12.6.3 Il-Kunsill ukoll jieħu ħsieb jinforma lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-għeluq tat-toroq għal dawn iż-żminijiet. Din is-sena qed jiġi propost sabiex Triq il-Madonna tal-Karmnu tingħalaq għat-traffiku mill-20 ta' Mejju 2025 u Triq Kolaċi tinqaleb *two-way*, filwaqt li l-Pjazza tal-Knisja tingħalaq għat-traffiku mit-22 ta' Mejju 2025. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti dwar dan.

12.6.4 Fir-rigward tal-attivitajiet mtella' f'dawn iż-żminijiet b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa u mas-Sezzjoni Zgħażagħ Pawlini Munxarin, il-Kunsill jorganizza Festa Tfal nhar it-18 ta' Mejju 2025, kunċert mużikali nhar il-21 ta' Mejju 2025 u attivita' soċjali nhar it-22 ta' Mejju 2025. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti dwar dan.

12.6.5 Is-Sindku għarraf ukoll li, bħal snin oħra, il-Parroċċa, bħala parti mir-rekwiżiti biex takkwista l-permessi tal-Pulizija għall-festa, titlob lill-Kunsill jekk isibx oġġezzjoni sabiex isiru l-attivitajiet kollha marbuta mal-festa kif ukoll sabiex jinħaraq il-logħob tan-nar. Dwar dan, il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm ikun hemm il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti u tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurta' ta' dawk involuti u l-pubbliku inġenerali li jattendi.

## 12.7 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2024;

12.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2024 flimkien mar-rapport tal-ħidma tal-membri tal-Kunsill skont ir-responsabiltajiet assenjati lilhom, liema rapport ġie ċċirkulat minn qabel.
Ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2024 ġie approvat mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 12.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

12.8.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-fundatur ta' Malta Armwrestling bi proposta sabiex issir attivita' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fix-Xlendi nhar il-15 ta' Ġunju 2025 mil-5.30 'il quddiem. Il-kollaborazzjoni proposta tinvolvi xiri ta' *trophies* u servizzi ta' *referees* u *disk jockey*. Wara diskussjoni dwar dan, ma kienx hemm qbil mill-membri biex il-Kunsill jikkollabora f'attivita' simili iżda talbu aktar informazzjoni u dettalji sabiex jinħareġ permess simili jekk din l-attivita' ssir xorta mingħajr il-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

12.8.2 Ċirkulari Nru AKL 2025/027 – ICLEI Members: apply for the 2025 Local Sustainability Award. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.8.3 Ilment 08/2025
Resident jitlob sabiex issir manutenzjoni ta' bankina quddiem ir-residenza tiegħu fil-Munxar billi l-Kunsill jipprovdi l-kurduni. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

12.8.4 Ilment 09/2025
Suġġeriment minn sid ta' stabbiliment sabiex isiru *speed cameras* bħala *traffic calming measures* fi Triq ix-Xlendi, Xlendi. Dan is-suġġeriment tressaq wara inċident serju ħafna f'din it-triq. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand il-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar kif ukoll għand Transport Malta peress li din hija triq arterjali.

12.8.5 Ilment 10/2025
Talba sabiex jerġgħu jinżebgħu il-marki stradali fi Triq ix-Xlendi, Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand il-

Kunsill Lokali Il-Munxar

Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar kif ukoll għand Transport Malta peress li din hija triq arterjali.

12.8.6 Ilment 11/2025
Resident jitlob sabiex issir manutenzjoni ġenerali fil-passaġġ tal-Għar ta' Karolina fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

**12.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

12.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 12/2025-9 għall-perjodu bejn is-27 ta' Marzu 2025 u l-14 t'April 2025 li tammonta għal €90,665.87 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

**12.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

12.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 5 ta' Mejju 2025 fit-8.00 ta' filgħodu.

Konfermati illum, t-Tnejn 5 ta' Mejju 2025.

Kunsill Lokali Il-Munxar

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv